**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA27.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Settembru 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi *Chairperson.*
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-2 ta' Settembru 2013.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.
3. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
4. Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
6. Mistoqsijiet mill-membri.
7. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA26.

**2.00 Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.**

2.01 Dan ix-xogħol ser isir b' istess *tender* li ngħatat lil Joseph Mercieca. Dan il-pavimentar ser jitkompla ma' dak li diġà sar mill-fondi tal-EU. Dan il-pavimentar ser jitħallas hekk: €11,000 mill-fondi tal-EU u €20,000 mill-fondi tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**3.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

3.01 Fuq parir tal-Avukat Mario Scerri, il-Kunsill ser jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex joħroġ *Commitment Letter* oħra għal dawn ix-xogħlijiet fejn ikun indikat li x-xogħlijiet jitlestew fl-aħħar t' April 2014. Il-Kunsill ippreżenta l-kuntratt lil Gatt Tarmac Ltd. sabiex jekk jaqbel, dan jiġi ffirmat.

## 4.00 Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.

4.01 Kollox huwa ppreparat sabiex f' Ottubru jkun jista' jinbeda x-xogħol. Dawn ix-xogħlijiet ser jitħallsu mill-fondi UIF.

## 5.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv semma l-problema li qed joħolqu l-iskips li tpoġġew minn sidien ta' stabbilimenti tal-ikel quddiem il-*boathouses* ta' Pjazza l-Anfori. Żewġ sidien ma jridux ineħħu l-iskip minn hemm avolja ġie ppreparat post fejn jitpoġġew.

Is-Segretarju Eżekuttiv semma wkoll l-ilment dwar *double yellow lines* li saru fi Triq iż-Żirżieb wara talba minn sid ta' *garage* sabiex ikun jista' joħroġ id-dgħajsa. Is-Sindku kien ser jiċċekkja kemm suppost tkun wiesgħa t-triq biex toħroġ l-opra tal-baħar mill-*garage*.

## 6.00 Mistoqsijiet mill-membri.

6.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

## 7.00 Materji oħra.

7.01 Is-Sindku kien attenda laqgħa ma' uffiċjali tal-MTA dwar ġbir ta' skart fix-Xlendi. Huwa infurmahom li fix-Xlendi, il-ġbir ta' skart fis-sajf isir kuljum.

Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir il-fjakkolata fil-21 ta' Settembru 2013. Fit-22 ta' Settembru 2013 ser isir il-Water Fun Park bħalma hemm imniżżel fil-programm.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***